# FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI.
## IMHALLEF
## ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 25 ta' Frar, 2002.**

**Kawza Numru: 11**

**Citaz. Nru. 1534/98GV**

Doc. 203-02

**Dottor John J.Cassar LL.D. ghan-nom u in rapprezentenza ta' Rapid Exchange Company Limited**

**-vs-**

**Carmen Grech ezercitanti il-kummerc bl-isem Sylvia Boutique**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi l-attur nomine biegh merkanzija lill-konvenuta fl-14 ta' April, 1997 skond *invoice/delivery order* (Dok. A);

Premess illi l-istess konvenuta accettat il-merkanzija u ffirmat ghaliha u dan fis-somma ta' elf tlett mija u sitt Liri Maltin (Lm1,306.40);

Premess illi fil-fatt l-konvenuta ma hallsitx u meta giet mitluba sabiex thallas gabet l-iskuza li l-merkanzija kienet difettuza sena wara li giet konsenjata lilha u ghalhekk sal-lum il-konvenuta ghandha debitrici fl-ammont fuq indikat;

Ghaldaqstant l-attur nomine talab lil din il-Qorti:

1 tiddikjara lill-konvenuta debitrici versu l-attur nomine fis-somma ta' elf tlett mija u sitt Liri Maltin (Lm1,306.40) kif imsemmi **supra**;

2 tikkundannaha thallas l-ammont hekk donut;

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mill-14 ta' April, 1997 sad-data tal-pagament kontra l-konvenuta.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur a fol. 3;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenuta Carmen Grech a fol. 8 tal-process fejn teccepixxi bir-rispett;

Illi t-talbiet tas-socjeta' attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-merkanzija mibjugha m'hijiex tal-kwalita mwieghda.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Rat il-kontrotalba tal-konvenuta a fol. 10 u l-eccezzjonijiet ghaliha a fol. 15;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat li ma saret ebda talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza;

**TALBA**

L-atturi qed jitlobu lil dina l-Qorti

tiddikjara lill-konvenuta debitrici versu l-attur nomine fis-somma ta' elf tlett mija u sitt Liri Maltin (Lm1,306.40) ghal merkanzija lilha mibjugha u konsenjata;

tikkundannaha thallas l-ammont hekk dovut.

**ECCEZZJONIJIET**

Il-konvenuta ccepiet li l-merkanzija mibjugha ma kinitx tal-kwalita' mwieghda.

**KONTROTALBA**

Il-konvenuta ghamlet talba rekonvenzjonali fejn talbet lil dina l-Qorti;

tiddeciedi w tiddikjara li l-merkanzija mibjugha lilha m'hijiex tal-kwalita' mwieghda;

jigi nominat perit biex jaghmel stima tal-istess merkanzija;

u konsegwentement l-ammont likwidat mill-istess perit jigi pacut jekk ikun il-kaz ma' l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici.

**ECCEZZJONIJIET GHALL KONTROTALBA**

L-attur eccepixxa ghall kontrotalba li;

t-talbiet tal-konvenuta huma nfondati billi l-merkanzija mibjugha kienet ta' kwalita' tajba u kien biss sena wara li l-konvenuta rreklamat li sabet xi difetti.

**PROVI**

**Geoffrey Wismayer** *salesman* ma' l-attur xehed li kien ikkonsenja l-ordni wara nofs in-nhar. Kien iccekkja x-xoghol kollu mal-konvenuta u ghamluhom *size size*. Dam xi tliet sieghat jiccekkjaw, u l-konvenuta accettat ix-xoghol u ffirmat ghalih. Dan ma kienx l-ewwel negozju mal-konvenuta. Il-konvenuta kienet fethet *section* gdida tal-hanut u kienet ser tbiegh dina l-konsenja minn hemm hekk. Kienet damet ftit biex tiftah dina *s-section*. Hu kien jghaddi regolarment ghand il-konvenuta u kien ifakkarha biex thallas. Meta beda jinsisti ghall pagament, bdiet tghidlu li *s-sizes* kienu difficli biex tbieghhom. Hi kienet taf x'*sizes* xtrat ghax kienet fethet il-qomos. Kienu fethuhom u ccekkjawhom *at random*. Is-*sizes* kienu skond ma ordnat hi. Meta kitbulha bl-Avukat, qaltilhom li l-qomos kien fihom is-sadid. Kienu kitbu xi sena wara li nharget l-*invoice*. Il-konvenuta ma kinitx ilmentat qabel dwar dawn il-qomos.

*Id-delivery* saret f'April. Mhux veru li l-konvenuta kienet qaltlu biex ma jaghmilx id-*delivery* f'April u jhallihom ghall-Ottubru. Il-konvenuta kienet qaltlu li *s-section* gdida ma kinitx lesta u ma setghetx tesebixxi x-xoghol. Ghalhekk hu kien dam biex imur ghal pagament. Ma jafx jekk il-*wing* il-gdida kienet tan-nisa.

**Martin Fenech** *delivery man* mas-socjeta' attrici xehed li kienu hadu x-xoghol ghand il-konvenuta. Kien hemm ukoll it-tifla taghha. Il-konvenuta ccekkjat *l-invoice*, harget ix-xoghol u ccekkjatu u damu xi saghtejn. Huma kienu qed jiccekkjaw jekk kienx hemm difetti u jekk is-*sizes* jaqblux. Huma hargu l-qomos minn kull kaxxa biex jiccekkjawhom ghas-*sizes* u kulur taghhom. Kienu fethu l-kaxxi kollha u harguhom minn goll-boroz. Fethu hafna minn kull *size*.

**Philip Debono**, *store keeper* mas-socjeta' attrici, xehed li kienu hadu x-xoghol ghand il-konvenuta. Bdew jiccekkjaw flimkien x'qed jaghtuha, jara s-*size* u jistivawhom skond is-size. Il-konvenuta bdiet tohrog il-qomos mill-kaxxi u ticcekjahom. Hi bdiet tiftah minn kull kulur u minn kull *size*. Bdiet tohroghom totalment mill-*plastic*. Imbaghad hu jerga jistiva u jdahhal fil-*plastic*. Kienet qaltlu li x-xoghol kien sabih. Kienu tawha d-*delivery order* u hi accettathom. Kienet iffirmat li rceviet il-merkanzija "*in good order and condition*".

**Il-konvenuta** xehdet li kienet ilha zmien tixtri minghand l-atturi. Geoffrey Wismayer kien mar ikellimha fuq konsenja qomos bil-kmiem twal u kienet qaltlu le billi kien diehel is-sajf. Hu kien insista li jgibhomla u hi accettat. Kien hemm xi qomos bil-kmiem qosra. Saret id-*delivery* f'April, Kien hemm prezenti t-tifla u hija dahlet fl-istore u kienu qed jaghmulhom *size size*. Kien nehha l-*cover* tal-kaxxa u wrieha xi tlieta jew erbgha kuluri differenti. Imbaghad tellawhom fuq fl-istore u hargu xi haga minnhom fil-hanut fuq l-ixkaffi ghal biegh. L-ohrajn halliethom fl-istore. Bdew ibieghu minnhom u meta kienu jonqsu kienu jnizzlu mill-istore. Kellhom wahda minn kull size fuq l-ixkaffa. In-nies bdew igibulhom lura xi qomos ghax il-labar kienu msaddin. Imbaghad bdiet tirriplejsaja mill-istore u sabet l-istess. Hi bdiet tibdel il-qomos b'ta' l-atturi stess jew b'ditti ohrajn. Anke meta n-nies bdew jahslu l-qomos, dawn bdew jinxtorbu u anke s-*sizes* ma kienux tajbin. Kienet ilmentat ma' Wismayer u qallha biex tara x'tista tbiegh u imbaghad jirrangalha. Imbaghad Wismayer beda jevitaha. Ma tiftakarx meta kienet bdiet

tbiegh mill-qomos. Il-qomos difettuzi ma kinitx irritornathom lura. Hi ma kelliex problemi fil-hanut.

**Lorraine Grech,** bint il-konvenuta, xehdet li Wismayer kien mar il-hanut bix-xoghol. Bdew jistivaw il-qomos *size size*. Wara uriha l-kuluri xi tlieta jew erbgha kuluri differenti u s-sizes. Iccekkjaw l-ammont u ftehu xi hamsa. Is-sizes kienu bejn 39 u 42. Dawn kienu qomos tax-xitwa u huma ma riduhomx f'April. Hu kien gabhom u hallithom fl-istore. Wismayer ma kienx ser jitlob pagament qabel Novembru. Hargu x-xoghol f'Settembru u bdew jiguha lura ghax is-sizes ma bdewx jiffitjaw. Bicciet minnhom kellhom il-labar imsaddin. Kienet qalet lil Wismayer bil-hsara u dan kien qallha li ser jirranga u jnaqqsilha. Hu beda jigi ghal flus fil perjodu Novembru/Dicembru. Hi ma setghetx tara mill-kaxxex jekk dawn il-qomos kellhomx difetti. Hi qatt ma urit qmis bid-difetti lill Wismayer ghax hu ma tantx kien jaghtihom cans ghax kien jidhol u johrog. Il-hajt fl-ewwel sular kien umduz u kienu rrangawh bil-gypsum. L-istore qieghed fuq u ma kienux bajduh. Il-qomos kienu fl-istore u hemm m'kellomx problema ta' umdita'

**Joseph Gauci** xehed li kien xtara qomos minghand il-konvenuta u sab li s-size ma kienx jaqbel man-numru fuq il-qmis. Kien xtara ohra ghall missieru u sab li l-pins kienu msaddin. Hu kien irritorna l-qomos u ha ta' marka ohra.

**Sylvana Tortell** xehdet li kienet xtrat zewg qomos u dawn kienu nxtorbu hafna. Hi kienet rat dina l-konsenja u rat hafna *damages*; bhal labar imsaddin u qomos li gew ritornati.

**KONTESTAZZJONI**

L-attur qed jitlob is-somma ta' Lm1,306.40 ta' konsenja ta' qomos mibjugha u konsenjata lill-konvenuta. Il-konvenuta qed teccepixxi li l-merkanzija ma kinitx tal-

kwalita pattwita. Din il-merkanzija cjoe il-qomos, kienu difettuzi, peress illi kienu ta' qisien hazin, kellhom thazziz fuqhom bl-inka, kienu ta' stil antik, kellhom labar imsaddin, u kienu b'komma qasira minflok b'komma twila.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-konvenuta fil-fatt qed tilmenta li fil-konsenja kellha xi qomos li s-size ma kienx jaqbel man-numru fil-qmis; kien hemm xi qomos li kellhom il-labar imsaddin u xi qomos ohra li meta nhaslu dawn inxtorbu.

Ghalkemm it-tifla tal-konvenuta qalet li kienet ilmentat ma' Wismayer dwar dina l-konsenja, hija qatt ma uriet dawn il-qomos difettuzi lil Wismayer ghax qalet li dana ma kienx jaghtiha cans. Lanqas ma kienet irritornat dawn il-qomos lil Wismayer.

Il-Qorti kienet nominat espert tekniku biex jezamina dawn l-allegati qomos difettuzi, izda fil-fatt ma sar xejn u l-inkarigu tal-perit kien gie revokat u l-kawza kienet tkompliet minghajr kostatazzjoni tal allegati difetti fil-konsenja. (ara fol. 65).

Illi jigi rilevat li meta saret id-*delivery* tal-merkanzija in kwistjoni fil-hanut tal-konvenuta kien hemm prezenti l-konvenuta u t-tifla taghha li vverifikaw il-konsenja fid-dettal (ara x-xhieda ta' haddiema li kkonsenjaw il-merkanzija) u l-konvenuta accettat l-merkanzija bhala li kienet *in good order and condition* (fol 4.).

Il-konvenuta qed tissottometti li hija ma setghex tara mill-kaxex jekk il-qomos kellhomx difetti. Mix-xhieda prodotta pero jirizulta li l-konvenuta kienet taf bis-sizes li ordnat. Il-konvenuta ma gabitx prova ta' kemm kien hemm qomos b'sizes hziena f'dina l-konsenja kollha. Il-konvenuta ezaminat il-qomos fid-dettal u

setghet tara jekk il-labar kinux bis-sadid u jekk il-qomos kellhomx thazziz bl-inka. Hi setghet tara wkoll jekk kienux ta' stil antik. Inoltre ghalkemm fid-dikjarazzoni hija tghid li dawn kienu bil-komma qasira minflok bil-komma twila, fil-fatt hija kienet qed toggezzjona ghal qomos bil-komma twila ghax kien diehel is-sajf.

Dawn l-ilmenti tal-konvenuta pero ma gewx kostati minn Wismayer ghax il-qomos qatt ma gew murija lilu w lanqas ma gew ritornati lura. Inoltre l-Qorti ma kelliex l-opportunita li tivverifika jekk fil-fatt kienx hemm difetti. Dan apparti l-fatt li l-Qorti hi tal-fehma li meta rceviet dawn il-qomos il-konvenuta kienet accettathom bla riserva u accettathom bhala li kienu *in good order and condition*.

L-Art. 1390 tal-Kodici Civili jipprovvdi li jekk il-haga li l-bejjiegh igib biex jikkunsinna ma tkunx tal-kwalita' mwieghda, jew ma tkunx bhall-kampjun li fuqu l-bejgh ikun sar, ix-xerrej jista' jaghzel jew li jirrifjuta l-haga u jitlob id-danni, jew li jircievi l-haga bi prezz anqas fuq stima ta' periti.

*L-articolo 1104 (1390) accorda al compratore due azioni nel caso che la merce non corrispondesse all'ordine, cioe' l'azione di rifiuto della merce e l'azione di diminuzione di prezzo.*

*Il-rifiuto della merce non e' piu possibile quando, ricevuta la stessa, il compratore ne disponga anche in parte; ma l'altra azione e' sostenibile quando si riceve la merce sotto protesto e colla espressa riserva di chiedere I danni ossia la diminuzione di prezzo. ( Mizzi vs M.A.Refalo noe et 17.1.1911).*

Fil-kaz in ezami l-konvenuta baqghet tbiegh minn dawn il-qomos u ma ghamlet ebda claim ghal tnaqqis fil-prezz hlief li zmien wara bdiet tghid li kien hemm id-difetti u dan meta l-attur beda jinsisti ghall-pagament.

Mit-talba tal-konvenuta (ara kontrotalba a fol. 11) jidher li l-konvenuta qed tippretendi li l-konsenja kollha tigi dikjarata li ma kinitx tal-kwalita' pattwita, tant li qed titlob ukoll li l-ammont likwidat ta' dina l-merkanzija jigi pacut mal-ammont mitlub mis-socjeta' attrici. Il-konvenuta donna mhux qed tippretendi biss li jsir xi tnaqqis ghal xi qomos li hargu difettuzi imma li l-konsenja kollha tigi dikjarata difettuza haga li ma tistax issir meta hija baqghet tbiegh minnha.

Illi minn dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti tasal ghall konkluzzjoni li t-talba attrici ghandha tigi milqugha u l-kontrotalba tal-konvenuta tigi michuda.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddecidi prevja li tichad l-eccezzjonijiet u l-kontrotalba tal-konvenuta tilqa t-talbiet attrici;

tiddikjara lill-konvenuta debitrici versu l-attur nomine fis-somma ta' elf tlett mija u sitt Liri Maltin (Lm1,306.40) ghal merkanzija lilha mibjugha u konsenjata;

tikkundannaha thallas l-ammont hekk dovut,

bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuta.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**Deputat Registratur**